IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 21.10.2011
KUMM(2011) 672 finali

# RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

# IR-RABA' RAPPORT FINANZJARJU MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar is-SENA FINANZJARJA 2010 TAL-FOND AGRIKOLU EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP RURALI (FAEŻR)

{SEG(2011) 1259 finali}

## WERREJ

1. Proċedura tal-baġit ........ 3
1.1. Abbozz Preliminari tal-Baġit (APB) 2010 ........ 3
1.2. Abbozz tal-Baġit (AB) 2010 ........ 3
1.3. Ittra ta' Emenda (IE) 2010 ........ 3
1.4. L-adozzjoni tal-Baġit 2010 ........ 3
2. Ġestjoni tal-approprjazzjonijiet ........ 4
2.1. Il-Ġestjoni ta' Approprjazzjonijiet għall-Impenji ........ 4
2.1.1. Il-programmi operazzjonali tal-FAEŻR ........ 4
2.1.2. Assistenza teknika ........ 4
2.2. Il-ġestjoni ta' approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet ........ 5
2.2.1. Il-programmi operazzjonali tal-FAEŻR ........ 5
2.2.2. Assistenza teknika ........ 5
3. Implimentazzjoni tal-baġit tal-FAEŻR għall-2010 ........ 6
3.1. Introduzzjoni ........ 6
3.2. Implimentazzjoni ta' approprjazzjonijiet għall-impenji ........ 6
3.2.1. Il-programmi operazzjonali tal-FAEŻR ........ 6
3.2.2. Assistenza teknika ........ 7
3.3. Implimentazzjoni ta' approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet ........ 7
3.3.1. Il-programmi operazzjonali tal-FAEŻR ........ 7
3.3.2. Assistenza teknika ........ 12
3.4. Analiżi tan-nefqa ddikjarata skont l-assi u l-miżura ........ 12
3.5. Implimentazzjoni tal-programmi tal-FAEŻR ........ 14

## 1. PROĊEDURA TAL-BAĠIT

### 1.1. Abbozz Preliminari tal-Baġit (APB) 2010

L-Abbozz Preliminari tal-Baġit 2010 (APB) ġie adottat mill-Kummissjoni u propost lill-Awtorità tal-Baġit fid-29 ta' April 2009.

Il-proposta għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) taħt l-intestatura 2 tal-Qafas Finanzjarju 2007-2013 kienet tammonta għal EUR 13 970 miljun f'approprjazzjonijiet għall-impenji u EUR 12 648 miljun f'approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet (li minnhom EUR 300 miljun iddaħħlu fir-riżerva għall-Pjan Ewropew ta' Rkupru Ekonomiku - EERP).

| Partita tal-Baġit | Approprjazzjonijiet għall-impenji (f'EUR) | Approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet (f'EUR) |
|---|---|---|
| 05.040501 (Programmi għall-Iżvilupp Rurali) | 13 947 136 182 | * 12 639 000 000 |
| 05.040502 (Assistenza teknika) | 22 548 451 | 9 000 000 |
| *EUR 300 000 000 imdaħħla f'riżerva għall-EERP | | |

### 1.2. Abbozz tal-Baġit (AB) 2010

Il-Kunsill adotta l-Abbozz tal-Baġit 2010 f'Lulju 2009. L-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet għall-programmi tal-FAEŻR ġew imnaqqsa b'EUR 98.0 miljun meta mqabbla mal-APB.

### 1.3. Ittra ta' Emenda (IE) 2010

F'Ottubru 2009 il-Kummissjoni adottat l-Ittra ta' Emenda Nru 2 għall-APB 2010. Minkejja li l-eżerċizzju tal-Ittra ta' Emenda primarjament jikkonċerna l-FAEG, l-approprjazzjonijiet għall-impenji għall-programmi tal-FAEŻR ġew immodifikati biex jirriflettu finanzjament addizzjonali għal ammont nett totali ta' EUR 388.4 miljun. Dan l-ammont nett jirrigwarda t-tieni parti tal-EERP, in-nuqqas ta' applikazzjoni ta' modulazzjoni volontarja fil-Portugall u l-aġġustament minuri ta' modulazzjoni obbligatorja fi Spanja. L-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet naqsu b'EUR 32.8 miljun biex ikun ikkunsidrat in-nuqqas ta' applikazzjoni tal-modulazzjoni volontarja fil-Portugall.

### 1.4. L-adozzjoni tal-Baġit 2010

It-tieni qari tal-Kunsill, adottat fl-20.11.2009, ma kien jinvolvi l-ebda modifika għall-approprjazzjonijiet tal-FAEŻR proposti fl-Ittra ta' Emenda.

Il-Parlament Ewropew adotta l-baġit 2010 waqt is-sessjoni plenarja tiegħu ta' Diċembru 2009.

Il-baġit approvat tal-FAEŻR kien jammonta għal EUR 14 358 miljun f'approprjazzjonijiet għall-impenji u EUR 12 615 miljun f'approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet.

| Partita tal-Baġit | Approprjazzjonijiet għall-impenji (f'EUR) | Approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet (f'EUR) |
|---|---|---|
| 05.040501 (Programmi għall-Iżvilupp Rurali) | 14 335 536 182 | 12 606 200 000 |
| 05.040502 (Assistenza teknika) | 22 548 451 | 9 000 000 |

## 2. ĠESTJONI TAL-APPROPRJAZZJONIJIET

### 2.1. Il-Ġestjoni ta' Approprjazzjonijiet għall-Impenji

#### *2.1.1. Il-programmi operazzjonali tal-FAEŻR*

Fl-2010 l-approprjazzjonijiet disponibbli għall-impenji kienu jammontaw għal total ta' EUR 14.59 biljun. Minn dan l-ammont, EUR 14.34 biljun kienu jikkorrispondu mal-baġit approvat u EUR 252 miljun kienu approprjazzjonijiet ittrasferiti mill-2009. Id-deċiżjoni li jsir riport, li ġiet adottata fi Frar 2010, kienet tikkonċerna parti mill-approprjazzjonijiet tal-EERP li ma setgħetx tiġi impenjata fl-2009 minħabba s-sottomissjoni tardiva ta' xi programmi riveduti għall-iżvilupp rurali mill-Istati Membri.

L-ammont totali ta' approprjazzjonijiet disponibbli għall-programmi tal-FAEŻR fl-2010 ġie impenjat (EUR 14.59 biljun).

| Il-ġestjoni ta' approprjazzjonijiet għall-impenji fl-2010 – FAEŻR | Partita tal-Baġit 05.040501 (ammonti f'EUR) |
|---|---|
| Approprjazzjonijiet fil-bidu tal-2010 | 14 335 536 182 |
| Riport mill-2009 | 252 029 757 |
| Approprjazzjonijiet disponibbli fl-2010 | 14 587 656 939 |
| Approprjazzjonijiet użati fl-2010 | 14 587 565 939 |

#### *2.1.2. Assistenza teknika*

It-tieni paragrafu tal-Artikolu 69, tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 jistipula li 0.25 % tar-riżorsi għall-appoġġ Komunitarju għall-iżvilupp rurali għandhom jiġu ddedikati lill-assistenza teknika għall-Kummissjoni. Fil-baġit tal-2010, l-ammont disponibbli għal dan

il-għan kien ta' EUR 22.5 miljun. Fl-aħħar tal-2010, l-ammont totali impenjat kien ta' EUR 4.9 miljun.

## 2.2. Il-ġestjoni ta' approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet

### *2.2.1. Il-programmi operazzjonali tal-FAEŻR*

Fl-2010 l-approprjazzjonijiet inizjali għall-ħlasijiet kienu jammontaw għal EUR 12.6 biljun. Fid-dawl tal-previżjoni ta' ħlasijiet riveduta sottomessa mill-Istati Membri f'Settembru 2010, l-approprjazzjonijiet tnaqqsu b'EUR 1 160 miljun permezz tal-proċedura ta' trasferiment globali. Ladarba l-Istati Membri kienu bagħtu d-dikjarazzjonijiet ta' nfiq tagħhom għat-tielet trimestru, eċċess addizzjonali ta' EUR 330 miljun ġie identifikat u propost għal tnaqqis f'Abbozz ta' Baġit Emendatorju. Madankollu, peress li finalment dan il-Baġit Emendatorju ma ġiex adottat, dawk l-approprjazzjonijiet għal ħlasijiet baqgħu ma ntużawx fl-aħħar tas-sena. L-ammont mhux użat jirrifletti l-fatt li d-dikjarazzjonijiet ta' nfiq għat-tielet trimestru kienu kemmxejn taħt il-previżjonijiet riveduti; u l-fatt li parti mit-talbiet għal ħlasijiet għat-tielet trimestru sottomessi minn bosta Stati Membri ma setgħux jiġu rimborsati minħabba l-eżawriment tal-approprjazzjonijiet għall-impenji disponibbli. L-approprjazzjonijiet li ma ntużawx ġew riportati għall-2011.

L-ammont totali mħallas lill-Istati Membri għal programmi tal-FAEŻR fl-2010 laħaq il-EUR 11.1 biljun.

| **Il-Ġestjoni ta' approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet fl-2010 – FAEŻR** | **Partita tal-Baġit 05.040501 (ammonti f'EUR)** |
|---|---|
| Approprjazzjonijiet fil-bidu tal-2010 | 12 606 200 000 |
| Trasferiment globali | -1 160 000 000 |
| Approprjazzjonijiet disponibbli fl-2010 | 11 446 200 000 |
| Approprjazzjonijiet użati fl-2010 | 11 116 180 326 |
| Ammonti mhux użati u riport fl-aħħar tal-2010 | 330 019 674 |

### *2.2.2. Assistenza teknika*

Fil-baġit tal-2010, l-ammont għal approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet kien ta' EUR 9 miljun. Dan l-ammont tnaqqas b'EUR 2.5 miljun permezz tat-trasferiment globali. Fl-aħħar tas-sena, l-ammont totali ta' ħlasijiet kien ta' EUR 4.4 miljun, u dan ħalla EUR 2.1 miljun mhux użati.

## 3. IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT TAL-FAEŻR GĦALL-2010

### 3.1. Introduzzjoni

Is-sena finanzjarja 2010 irrappreżentat b'mod partikolari perjodu ta' konsolidazzjoni fejn ħafna programmi għall-iżvilupp rurali laħqu r-ritmu tagħhom. Madankollu, din kienet sitwazzjoni irregolari peress li bosta programmi wrew diffikultajiet sinifikanti ta' implimentazzjoni minħabba l-kriżi ekonomika u finanzjarja li kellha effett fuq il-kapaċità tal-Istati Membri li jipprovdu l-kofinanzjament nazzjonali u setgħat ikkawżat lill-benefiċjarji li joqogħdu lura milli jidħlu għal xi impenji; l-approvazzjoni tardiva ta' ċerti programmi; u n-nuqqas ta' esperjenza preċedenti suffiċjenti ta' xi Stati Membri fl-implimentazzjoni tal-programmi għall-Iżvilupp Rurali.

### 3.2. Implimentazzjoni ta' approprjazzjonijiet għall-impenji

#### *3.2.1. Il-programmi operazzjonali tal-FAEŻR*

It-tabella hawn taħt turi l-ammonti impenjati għal kull Stat Membru fl-2010 u l-allokazzjoni stabbilita bid-deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/636/KE (modifika ta' April 2010 kienet għadha fis-seħħ fit-tmiem tas-sena).

Fl-2010, l-approprjazzjonijiet għall-impenji disponibbli għall-programmi tal-FAEŻR kienu jammontaw għal EUR 14.59 biljun. Dan l-ammont kien jinkludi EUR 14.34 biljun li jikkorrispondi mal-allokazzjoni tal-2010 kif stabbilita fid-Deċiżjoni 2006/636/KE u EUR 252 miljun riportati mill-2009. L-approprjazzjonijiet disponibbli kollha ġew impenjati matul is-sena (EUR 14.34 biljun).

***Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/636/KE (l-aħħar verżjoni fis-seħħ fit-tmiem tal-2009) vs. l-ammonti impenjati fit-tmiem tal-2010:***

**Partita tal-baġit: 05.040501** *(f'EUR)*

| SM | Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/636/KE – Fondi tal-UE fl-2010 | Ammonti riportati għal impenn fl-2010 | Ammonti impenjati fis-sena tal-baġit 2010 |
|---|---|---|---|
| | (a) | (b) | (c=a+b) |
| AT | 586 983 505 | 0 | 586 983 505 |
| BE | 70 637 509 | 1 110 000 | 71 747 509 |
| BG | 412 748 664 | 19 500 000 | 432 248 664 |
| CY | 23 911 507 | 0 | 23 911 507 |
| CZ | 415 632 774 | 21 000 000 | 436 632 774 |
| DE | 1 311 256 553 | 14 229 104 | 1 325 485 657 |
| DK | 85 052 762 | 0 | 85 052 762 |
| EE | 104 667 353 | 0 | 104 667 353 |
| ES | 1 400 090 047 | 49 871 207 | 1 449 961 254 |
| FI | 313 973 134 | 126 846 | 314 099 980 |
| FR | 1 091 752 155 | 165 200 | 1 091 917 355 |
| GR | 492 922 509 | 28 720 000 | 521 642 509 |
| HU | 529 160 494 | 28 440 000 | 557 600 494 |
| IE | 363 518 252 | 17 680 000 | 381 198 252 |
| IT | 1 256 577 236 | 38 596 000 | 1 295 173 236 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| LT | 253 855 536 | 0 | 253 855 536 |
| LU | 13 838 190 | 0 | 13 838 190 |
| LV | 153 226 381 | 0 | 153 226 381 |
| MT | 10 964 212 | 0 | 10 964 212 |
| NL | 87 111 293 | 0 | 87 111 293 |
| PL | 1 935 872 838 | 0 | 1 935 872 838 |
| PT | 592 619 895 | 0 | 592 619 895 |
| RO | 1 401 644 651 | 0 | 1 401 644 651 |
| SE | 280 491 463 | 13 820 000 | 294 311 463 |
| SI | 134 100 946 | 0 | 134 100 946 |
| SK | 266 600 239 | 14 700 000 | 281 300 239 |
| UK | 746 326 084 | 4 071 400 | 750 397 484 |
| **Total** | **14 335 536 182** | **252 029 757** | **14 587 565 939** |

### 3.2.2. *Assistenza teknika*

It-tabella hawn taħt turi l-approprjazzjonijiet għall-impenji għal assistenza teknika kkunsmati fl-2010. L-aktar parti importanti hija relatata man-Netwerk Ewropew għall-Iżvilupp Rurali.

| ***Assistenza teknika– Implimentazzjoni ta' approprjazzjonijiet għall-impenji*** | |
|---|---|
| **Partita tal-Baġit: 05.040502** | *(f'EUR)* |
| **Deskrizzjoni** | **Ammont impenjat** |
| Punt ta' kuntatt tan-Netwerk Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (ENRD) | 4 061 754 |
| Teknoloġija tal-Informatika | 219 730 |
| Gruppi ta' ħidma tematiċi tal-ENRD | 350 754 |
| Kumitat ta' esperti dwar l-evalwazzjoni tal-programmi għall-iżvilupp rurali | 200 000 |
| Pubblikazzjonijiet | 100 387 |
| **Total** | **4 932 625** |

## 3.3. Implimentazzjoni ta' approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet

### 3.3.1. *Il-programmi operazzjonali tal-FAEŻR*

Fil-baġit tal-2010 l-ammont għal approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet kien ta' EUR 12.61 biljun. It-trasferiment globali naqqas dan l-ammont b' EUR -1.16 biljun biex b'hekk l-approprjazzjonijiet tas-sena finalment kienu jammontaw għal EUR 11.45 biljun.

Fl-aħħar tal-2010, l-ammont totali mħallas għal programmi tal-FAEŻR kien ta' EUR 11.12 biljun. Id-differenza bejn l-approprjazzjonijiet tas-sena (EUR 11.45 biljun ) u l-ammont totali mħallas hija dik ta' EUR 330 miljun, li

jirrappreżenta sottoeżekuzzjoni ta' 2.88%. Għandu jiġi nnutat li l-ħlasijiet li saru fl-2010 żdiedu b'aktar minn 35% meta mqabbla mal-2009.

It-tabella hawn taħt turi analiżi ta' ħlasijiet li saru fl-2010 permezz tal-perjodu ta' dikjarazzjoni :

| *Ħlasijiet 2010 – Programmi operazzjonali tal-FAEŻR miljun EUR* | |
|---|---|
| Rimborż ta' talbiet għall-ħlas għat-T3 (trimestru 3) 2009 | 127.31 |
| Rimborż ta' talbiet għall-ħlas għat-T4 (trimestru 4) 2009 | 2 947.20 |
| Rimborż ta' talbiet għall-ħlas għall-T1 (trimestru 1) 2010 | 2 124.25 |
| Rimborż ta' talbiet għall-ħlas għat-T2 (trimestru 2) 2010 | 2 073.00 |
| Rimborż ta' talbiet għall-ħlas għat-T3 (trimestru 3) 2010 | 3 443.28 |
| Ħlasijiet bil-quddiem | 401.15 |
| **Total 2010** | **11 116.18** |

Ir-rimborż tat-tielet trimestru tal-2010 għal 5 programmi tal-FAEŻR ġie totalment jew parzjalment mwaqqaf fl-aħħar tas-sena minħabba li l-approprjazzjonijiet għall-impenji pendenti għal dawn il-programmi kienu kompletament eżawriti mill-ħlas tat-talbiet preċedenti. It-tabella hawn taħt turi l-5 programmi tal-FAEŻR u l-ammonti korrispondenti. Il-ħlas kellu jistenna sakemm saru l-impenji annwali għall-2011.

| **Programmi tal-FAEŻR– Nru CCI** | **Q3 2010 (f'EUR)** |
|---|---|
| Vlaanderen (2007BE06RPO001) | 6 655 665 |
| Bayern (2007DE06RPO004) | 29 517 043 |
| Ireland National (2007IE06RPO001) | 32 730 873 |
| Bolzano (2007IT06RPO002) | 990 232 |
| Luxembourg (2007LU06RPO001) | 262 045 |
| **Total** | **70 155 858** |

Il-konsum ta' kull xahar ta' approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet matul is-sena (Jannar sa Diċembru 2010) huwa rrappreżentat fil-grafika hawn taħt. Ir-ritmu ta' konsum huwa marbut mal-kalendarju biex jintbagħtu l-erba' dikjarazzjonijiet ta' ħlas (31 ta' Jannar, 30 ta' April, 31 ta' Lulju u l-10 ta' Novembru għat-talbiet ta' ħlas li jikkorrispondu rispettivament għat-T4 (Trimestru 4) 2009, it-T 1 (Trimestru 1) 2010, it-T2 (Trimestru 2) 2010 u t-T3 (Trimestru 3) 2010).




L-analiżi għal kull Stat Membru u għal kull perjodu ta' dikjarazzjoni tal-ammonti mħallsa mill-Kummissjoni fis-sena baġitarja 2010 qed tintwera fit-tabella li ġejja. L-ammonti mill-kolonna T3 2009 huma relatati mal-programmi tal-FAEŻR li eżawrew l-approprjazzjonijiet għall-impenji tagħhom għall-2009 u kellhom jistennew sal-2010 sabiex ikollhom l-ammonti tagħhom rimborżati mal-approprjazzjonijiet għall-impenji għall-2010.

| **Ħlasijiet li saru effettivament bejn 01/01/2010 u 31/12/2010** | | | | | | | ***(f'EUR)*** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **SM** | **T3 2009** | **T4 2009** | **T1 2010** | **T2 2010** | **T3 2010** | **Ħlasijiet bil-Quddiem** | **Total Assolut** |
| **AT** | | 455 569 614 | 43 672 108 | 44 906 450 | 37 674 070 | 7 987 420 | 589 809 662 |
| **BE** | 6 425 513 | 5 218 982 | 10 904 604 | 26 499 701 | 16 734 243 | 4 821 180 | 70 604 223 |
| **BG** | | 10 833 902 | 99 737 836 | 109 667 733 | 55 280 536 | 2 320 500 | 277 840 508 |
| **CY** | | 5 844 859 | 4 092 969 | 3 006 340 | 3 221 705 | 142 800 | 16 308 673 |
| **CZ** | | 71 116 190 | 219 606 417 | 92 176 063 | 55 446 653 | 2 940 000 | 441 285 322 |
| **DE** | 10 634 843 | 449 653 563 | 137 650 080 | 90 433 394 | 374 027 292 | 67 702 460 | 1 130 101 633 |
| **DK** | | 22 509 479 | 11 031 696 | 8 301 380 | 9 257 104 | 9 328 060 | 60 427 719 |
| **EE** | | 11 014 279 | 52 150 110 | 12 978 492 | 16 374 090 | 635 460 | 93 152 431 |
| **ES** | 2 506 310 | 219 017 075 | 146 477 779 | 148 788 488 | 290 719 234 | 58 741 200 | 866 250 086 |
| **FI** | 98 743 | 79 327 737 | 13 676 425 | 12 679 542 | 181 220 600 | 5 256 020 | 292 259 068 |
| **FR** | | 186 049 035 | 130 073 442 | 92 283 874 | 382 352 635 | 79 977 240 | 870 736 226 |
| **GR** | | 39 973 082 | 12 150 331 | 119 315 280 | 233 200 744 | 13 924 680 | 418 564 116 |
| **HU** | | 146 605 566 | 114 137 436 | 112 972 138 | 77 779 633 | 3 797 360 | 455 292 132 |
| **IE** | 107 643 643 | 87 587 253 | 55 583 262 | 38 086 416 | 81 473 859 | 10 823 820 | 381 198 252 |
| **IT** | | 175 925 287 | 77 580 985 | 126 397 795 | 235 683 411 | 48 564 040 | 664 151 518 |
| **LT** | | 60 891 489 | 73 440 397 | 56 368 010 | 49 387 045 | 1 570 380 | 241 657 321 |
| **LU** | | 5 362 753 | 5 090 031 | 1 385 947 | 3 765 284 | 344 400 | 15 948 416 |
| **LV** | | 33 969 622 | 45 596 012 | 25 735 665 | 51 538 859 | 928 200 | 157 768 358 |
| **MT** | | 1 937 682 | 1 439 925 | 2 877 517 | 10 853 260 | 71 400 | 17 179 784 |
| **NL** | | 17 739 157 | 17 108 137 | 13 801 790 | 16 761 310 | 7 467 320 | 72 877 714 |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **PL** | | 329 716 307 | 477 616 176 | 283 114 658 | 337 768 509 | 11 822 300 | 1 440 037 950 |
| **PT** | | 43 519 546 | 33 409 884 | 137 575 894 | 232 644 503 | 9 078 860 | 456 228 687 |
| **RO** | | 60 250 707 | 64 728 636 | 279 349 875 | 349 034 410 | 7 118 580 | 760 482 207 |
| **SE** | | 114 003 289 | 37 089 368 | 21 201 521 | 112 977 181 | 8 918 980 | 294 190 338 |
| **SI** | | 43 330 855 | 12 979 172 | 36 286 031 | 18 819 694 | 1 100 820 | 112 516 573 |
| **SK** | | 154 336 375 | 75 990 280 | 72 653 554 | 72 766 745 | 1 924 300 | 377 671 253 |
| **UK** | | 115 891 789 | 151 235 571 | 104 153 251 | 136 518 327 | 33 841 220 | 541 640 158 |
| **Total** | **127 309 052** | **2 947 195 476** | **2 124 249 066** | **2 072 996 797** | **3 443 280 935** | **401 149 000** | **11 116 180 326** |

Mill-ammont totali mħallas fl-2010, EUR 10.72 biljun huma relatati ma' rimborżi u EUR 401 miljun ma' ħlasijiet bil-quddiem.

It-tabella fil-paġna li jmiss tqabbel, għal kull Stat Membru, il-ħlasijiet tal-FAEŻR li saru fl-2010 mal-ħlasijiet tal-2009. Filwaqt li ħlasijiet interim fl-2010 żdiedu bi 30.5 % meta mqabbla mal-2009 (EUR 10.72 biljun kontra 8.21 biljun), il-ħlasijiet totali żdiedu bi 35.4% (EUR 11.12-il biljun kontra 8.21 biljun ) minħabba l-impatt tal-ħlasijiet supplimentari bil-quddiem mħallsa matul is-sena.

| Ħlasijiet li saru lill-Istati Membri – Paragun 2010 vs 2009 | | | | | | | *(f'EUR)* | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **SM** | **2009** | | | **2010** | | | **Differenza 2010 vs. 2009** | |
| | **Ħlasijiet interim** | **Prefinanzjament** | **Total** | **Ħlasijiet interim** | **Prefinanzjament** | **Total** | **( f'EUR)** | **( f'%)** |
| **AT** | 550 352 330 | | 550 352 330 | 581 822 242 | 7 987 420 | 589 809 662 | 39 457 332 | 7.2% |
| **BE** | 57 909 148 | | 57 909 148 | 65 783 043 | 4 821 180 | 70 604 223 | 12 695 075 | 21.9% |
| **BG** | 127 052 991 | | 127 052 991 | 275 520 008 | 2 320 500 | 277 840 508 | 150 787 517 | 118.7% |
| **CY** | 16 161 768 | | 16 161 768 | 16 165 873 | 142 800 | 16 308 673 | 146 904 | 0.9% |
| **CZ** | 340 175 929 | | 340 175 929 | 438 345 322 | 2 940 000 | 441 285 322 | 101 109 393 | 29.7% |
| **DE** | 930 186 410 | | 930 186 410 | 1 062 399 173 | 67 702 460 | 1 130 101 633 | 199 915 223 | 21.5% |
| **DK** | 53 861 495 | | 53 861 495 | 51 099 659 | 9 328 060 | 60 427 719 | 6 566 224 | 12.2% |
| **EE** | 95 121 150 | | 95 121 150 | 92 516 971 | 635 460 | 93 152 431 | -1 968 719 | -2.1% |
| **ES** | 618 592 973 | | 618 592 973 | 807 508 885 | 58 741 200 | 866 250 086 | 247 657 113 | 40.0% |
| **FI** | 191 126 077 | | 191 126 077 | 287 003 048 | 5 256 020 | 292 259 068 | 101 132 991 | 52.9% |
| **FR** | 779 806 772 | | 779 806 772 | 790 758 986 | 79 977 240 | 870 736 226 | 90 929 454 | 11.7% |
| **GR** | 174 132 448 | | 174 132 448 | 404 639 436 | 13 924 680 | 418 564 116 | 244 431 667 | 140.4% |
| **HU** | 497 184 388 | | 497 184 388 | 451 494 772 | 3 797 360 | 455 292 132 | -41 892 256 | -8.4% |
| **IE** | 329 171 422 | | 329 171 422 | 370 374 432 | 10 823 820 | 381 198 252 | 52 026 830 | 15.8% |
| **IT** | 356 692 296 | | 356 692 296 | 615 587 478 | 48 564 040 | 664 151 518 | 307 459 221 | 86.2% |
| **LT** | 247 493 642 | | 247 493 642 | 240 086 941 | 1 570 380 | 241 657 321 | -5 836 321 | -2.4% |
| **LU** | 12 910 511 | | 12 910 511 | 15 604 016 | 344 400 | 15 948 416 | 3 037 905 | 23.5% |
| **LV** | 104 463 393 | | 104 463 393 | 156 840 158 | 928 200 | 157 768 358 | 53 304 965 | 51.0% |
| **MT** | 3 357 534 | | 3 357 534 | 17 108 384 | 71 400 | 17 179 784 | 13 822 250 | 411.7% |
| **NL** | 36 071 974 | | 36 071 974 | 65 410 394 | 7 467 320 | 72 877 714 | 36 805 741 | 102.0% |
| **PL** | 1 043 825 682 | | 1 043 825 682 | 1 428 215 650 | 11 822 300 | 1 440 037 950 | 396 212 268 | 38.0% |
| **PT** | 235 563 950 | | 235 563 950 | 447 149 827 | 9 078 860 | 456 228 687 | 220 664 737 | 93.7% |
| **RO** | 565 927 879 | | 565 927 879 | 753 363 627 | 7 118 580 | 760 482 207 | 194 554 328 | 34.4% |
| **SE** | 105 868 407 | | 105 868 407 | 285 271 358 | 8 918 980 | 294 190 338 | 188 321 932 | 177.9% |
| **SI** | 100 732 462 | | 100 732 462 | 111 415 753 | 1 100 820 | 112 516 573 | 11 784 110 | 11.7% |
| **SK** | 289 286 329 | | 289 286 329 | 375 746 953 | 1 924 300 | 377 671 253 | 88 384 924 | 30.6% |
| **UK** | 346 343 895 | | 346 343 895 | 507 798 938 | 33 841 220 | 541 640 158 | 195 296 263 | 56.4% |
| **Total** | **8 209 373 256** | **0.00** | **8 209 373 256** | **10 715 031 326** | **401 149 000** | **11 116 180 326** | **2 906 807 070** | **35.4%** |

### *3.3.2. Assistenza teknika*

Fil-baġit tal-2010 l-ammont għal approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet kien ta' EUR 9 miljun. It-tabella hawn taħt tippreżenta l-ħlasijiet għall-assistenza teknika għal ammont totali ta' EUR 4.4 miljun. L-aktar parti importanti hija relatata man-Netwerk Ewropew għall-Iżvilupp Rurali.

| ***Assistenza teknika – Implimentazzjoni ta'approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet*** | |
|---|---|
| **Partita tal-Baġit: 05.040502** | *(f'EUR)* |
| **Deskrizzjoni** | **Ammont imħallas** |
| Seminar dwar l-implimentazzjoni tal-programmi għall-iżvilupp rurali | 107 687 |
| Punt ta' kuntatt tan-Netwerk Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (ENRD) | 3 928 213 |
| Gruppi ta' ħidma tematiċi tal-ENRD | 205 202 |
| Kumitat ta' esperti dwar l-evalwazzjoni tal-programmi għall-iżvilupp rurali | 76 784 |
| Pubblikazzjonijiet | 88 516 |
| **Total** | **4 406 402** |

## 3.4. Analiżi tan-nefqa ddikjarata skont l-assi u l-miżura

It-tabella hawn taħt turi t-talbiet għall-ħlas iddikjarati minn kull Stat Membru u skont l-assi/l-miżura għall-iżvilupp rurali fl-2010 (T4 2009 sa T3 2010), in-nefqa kumulattiva ddikjarata mill-2007 sal-2010 (T4 2006 sa T3 2010) kif ukoll il-pjanijiet finanzjarji tal-programmi tal-FAEŻR (2007-2013; UE27).

Fl-2010, in-nefqa tkompli tkun ikkonċentrata fl-assi 2 (50.9 %), segwita mill-assi 1 b'35.4%, l-assi 3 b'9.10 % u l-assi 4 bi 2.5%. Dan it-tqassim tan-nefqa għadu jvarja b'mod sinifikanti mit-tqassim fil-pjanijiet finanzjarji għall-perjodu ta' pprogrammar 2007-2013 (33.6 %, 44.4 %, 13.3 % u 6 % għall-assi 1 sa 4 rispettivament).

Il-miżuri tas-Assi 2 jinvolvu prinċipalment ħlasijiet annwali (eż. miżuri agroambjentali) filwaqt li l-Assi 1, 3 u, sa ċertu punt, l-Assi 4 prinċipalment jirrigwardaw miżuri multiannwali li jeħtieġu proċeduri itwal għall-approvazzjoni u għall-implimentazzjoni tagħhom (eż. proġetti ta' investiment)..

Meta mqabbla mal-medja għall-ewwel 3 snin (2007-2009), in-nefqa fl-2010 hija aktar ibbilanċjata fost l-assi u s-sehem ta' kull assi għandu tendenza li jqarreb is-

sehem fil-pjanijiet finanzjarji. Pereżempju, l-Assi 2 jonqos minn 57.8 % fl-2009 għal 50.0 % fl-2010 filwaqt li l-Assi 1 jiżdied minn 32.0 % fl-2009 għal 35.4 % fl-2010.

**Nefqa ddikjarata tal-FAEŻR għall-2010 (T4 2009-T3 2010) u Nefqa totali kumulattiva (T4 2006 sa Q3 2010) Imqabbla mal-Pjanijiet Finanzjarji**

| | Nefqa ddikjarata 2010 (T4 2009 sa T3 2010) | | Nefqa ddikjarata kumulattiva (T4 2006 sa Q3 2010) | | Pjanijiet Finanzjarji 2007-2013 | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Assi / Miżura tal-FAEŻR** | **(miljun EUR)** | **(%)** | **(miljun EUR)** | **(%)** | **(miljun EUR)** | **(%)** |
| 111 Taħriġ vokazzjonali u azzjonijiet ta' informazzjoni | 78.9 | 0.7% | 156.5 | 0.6% | 1 089.2 | 1.1% |
| 112 Stabbiliment ta' bdiewa żgħażagħ | 345.9 | 3.2% | 838.1 | 3.1% | 2 887.5 | 3.0% |
| 113 Irtirar bikri | 351.7 | 3.3% | 1 040.1 | 3.8% | 2 853.0 | 3.0% |
| 114 Użu ta' servizzi ta' konsulenza | 11.0 | 0.1% | 19.7 | 0.1% | 440.1 | 0.5% |
| 115 Stabbiliment ta' ġestjoni, ħelsien u konsulenza | 2.5 | 0.0% | 4.0 | 0.0% | 93.5 | 0.1% |
| 121 Modernizzar ta' impriżi agrikoli | 1 728.3 | 16.2% | 3 537.9 | 12.9% | 10 667.0 | 11.1% |
| 122 Titjib tal-valur ekonomiku ta' foresta | 32.5 | 0.3% | 80.1 | 0.3% | 653.7 | 0.7% |
| 123 Żieda tal-valur għall-agrikoltura u l-forestrija | 585.3 | 5.5% | 1 016.0 | 3.7% | 5 647.3 | 5.9% |
| 124 Kooperazzjoni għall-iżvilupp ta' prodotti ġodda | 12.4 | 0.1% | 18.0 | 0.1% | 349.3 | 0.4% |
| 125 Infrastruttura relatata mal-iżvilupp … | 406.3 | 3.8% | 753.9 | 2.7% | 5 129.4 | 5.3% |
| 126 Restawr tal-potenzjal tal-produzzjoni agrikola | 49.1 | 0.5% | 104.9 | 0.4% | 477.5 | 0.5% |
| 131 Ilħuq tal-istandards ibbażati fuq il-Komunità... | 2.9 | 0.0% | 45.0 | 0.2% | 103.9 | 0.1% |
| 132 Parteċipazzjoni tal-bdiewa fil-kwalità tal-ikel … | 9.5 | 0.1% | 16.5 | 0.1% | 294.1 | 0.3% |
| 133 Attivitajiet ta' informazzjoni u promozzjoni | 8.0 | 0.1% | 12.9 | 0.0% | 206.4 | 0.2% |
| 141 Biedja ta' semisussistenza | 130.9 | 1.2% | 391.0 | 1.4% | 993.9 | 1.0% |
| 142 Gruppi ta' produtturi | 23.2 | 0.2% | 56.2 | 0.2% | 327.9 | 0.3% |
| 143 Ħlas Dirett (BG + RO) | 1.1 | 0.0% | 1.7 | 0.0% | 131.8 | 0.1% |
| 144 Impriżi li għaddejjin minn ristrutturar | - | 0.0% | - | 0.0% | 17.0 | 0.0% |
| **Assi 1** | **3 779.3** | **35.4%** | **8 092.6** | **29.5%** | **32 362.5** | **33.6%** |
| 211 Ħlasijiet ta' kumpens lill-bdiewa għall-iżvantaġġi naturali f' ... | 1 003.8 | 9.4% | 3 163.9 | 11.5% | 6 240.9 | 6.5% |
| 212 Ħlasijiet lil bdiewa f'żoni bi żvantaġġi... | 1 026.7 | 9.6% | 3 269.3 | 11.9% | 7 241.4 | 7.5% |
| 213 Ħlasijiet ta' Natura 2000 u ħlasijiet relatati.. | 23.0 | 0.2% | 55.7 | 0.2% | 476.7 | 0.5% |
| 214 Ħlasijiet agriambjentali | 2 897.4 | 27.1% | 8 960.3 | 32.6% | 22 231.3 | 23.1% |
| 215 Ħlasijiet għall-benesseri tal-annimali | 62.4 | 0.6% | 143.1 | 0.5% | 543.0 | 0.6% |
| 216 Investimenti mhux produttivi | 34.6 | 0.3% | 54.7 | 0.2% | 591.1 | 0.6% |
| 221 L-ewwel afforestazzjoni ta' art agrikola | 179.9 | 1.7% | 636.6 | 2.3% | 2 295.0 | 2.4% |
| 222 L-ewwel stabbiliment ta' sistemi tal-agroforestrija .... | - | 0.0% | - | 0.0% | 16.4 | 0.0% |
| 223 L-ewwel afforestazzjoni ta' art mhux agrikola | 18.9 | 0.2% | 37.2 | 0.1% | 347.8 | 0.4% |
| 224 Ħlasijiet ta' Natura 2000 | 3.7 | 0.0% | 7.0 | 0.0% | 102.0 | 0.1% |
| 225 Ħlasijiet għall-foresti u għall-ambjent | 4.9 | 0.0% | 13.1 | 0.0% | 271.4 | 0.3% |
| 226 Restawr tal-potenzjal tal-forestrija u … | 132.4 | 1.2% | 323.6 | 1.2% | 1 609.7 | 1.7% |
| 227 Investimenti mhux produttivi | 49.4 | 0.5% | 113.5 | 0.4% | 808.9 | 0.8% |
| **Assi 2** | **5 437.2** | **50.9%** | **16 778.0** | **61.1%** | **42 775.5** | **44.4%** |
| 311 Diversifikazzjoni f'attivitajiet mhux agrikoli | 100.1 | 0.9% | 165.2 | 0.6% | 1 488.9 | 1.5% |
| 312 Ħolqien u żvilupp tan-negozju | 107.2 | 1.0% | 149.8 | 0.5% | 2 208.8 | 2.3% |
| 313 Inkoraġġiment tal-attivitajiet turistiċi | 78.6 | 0.7% | 127.5 | 0.5% | 1 291.0 | 1.3% |
| 321 Servizzi bażiċi għall-ekonomija u rurali … | 219.9 | 2.1% | 320.4 | 1.2% | 3 120.2 | 3.2% |
| 322 Tiġdid u żvilupp tal-villaġġ | 330.0 | 3.1% | 487.3 | 1.8% | 3 107.9 | 3.2% |
| 323 Konservazzjoni u titjib tar-rurali ... | 104.7 | 1.0% | 194.8 | 0.7% | 1 314.6 | 1.4% |
| 331 Taħriġ u informazzjoni | 9.6 | 0.1% | 16.9 | 0.1% | 147.5 | 0.2% |
| 341 Akkwist ta' ħiliet, animazzjoni u implimentazzjoni | 17.4 | 0.2% | 35.2 | 0.1% | 150.0 | 0.2% |
| **Assi 3** | **967.4** | **9.1%** | **1 497.2** | **5.5%** | **12 829.0** | **13.3%** |
| 411 Implimentazzjoni ta' strateġiji ta' żvilupp lokali... | 16.8 | 0.2% | 26.4 | 0.1% | 471.9 | 0.5% |
| 412 Implimentazzjoni ta' strateġiji ta' żvilupp lokali... | 1.5 | 0.0% | 2.3 | 0.0% | 167.0 | 0.2% |
| 413 Implimentazzjoni ta' strateġiji ta' żvilupp lokali.... | 155.5 | 1.5% | 212.5 | 0.8% | 3 877.5 | 4.0% |
| 421 Implimentazzjoni ta' proġetti ta' kooperazzjoni | 2.6 | 0.0% | 3.3 | 0.0% | 278.6 | 0.3% |
| 431 Tmexxija tal-grupp ta' azzjoni lokali, | 93.3 | 0.9% | 121.5 | 0.4% | 959.8 | 1.0% |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| akkwist... | | | | | | |
| **Assi 4** | **269.8** | **2.5%** | **366.0** | **1.3%** | **5 754.7** | **6.0%** |
| **511 Assistenza Teknika** | **124.6** | **1.2%** | **288.0** | **1.0%** | **1 876.9** | **2.0%** |
| **611 BG RO Ħlasijiet Diretti** | **98.7** | **0.9%** | **438.2** | **1.6%** | **645.6** | **0.7%** |
| **Total assolut** | **10 677.0** | **100.0%** | **27 460.0** | **100.0%** | **96 244.2** | **100.0%** |

## 3.5. Implimentazzjoni tal-programmi tal-FAEŻR

Il-grafika fuq il-paġna li ġejja tippreżenta r-rata tal-implimentazzjoni finanzjarja tal-programmi għall-iżvilupp rurali (mill-bidu tal-2010, inkluż T4 2010) meta mqabbla mal-approprjazzjonijiet għall-2007-2010. Ir-rata medja tal-implimentazzjoni finanzjarja tal-FAEŻR għall-programmi kollha tal-FAEŻR hija ta' 72.4 %.

Il-grafika turi li l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri assorbew aktar minn 60 % tal-approprjazzjonijiet tal-2007-2010.

.

**Grafika 1- Rata ta' implimentazzjoni finanzjarja ta' programmi ta' RŻ skont l-Istat Membru ***
**(% tal-ħlasijiet FAEŻR 2007-2010, inkluż talbiet għall-ħlasijiet T4 2010, meta mqabbel mal-impenji tal-2007-2010)**




* - It-talbiet għall-ħlasijiet għat-T4 2010 huma inklużi fil-grafika minħabba li jitħallsu kmieni fl-2011.